MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 253/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Ellul)**
**Vs**
**Carmelo Stivala**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta’ Mejju, 2009, u f’jiem qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu, meta pogga, wahhal jew installa katnazz u ghaldaqstant ghalaq, cahhad l-access ghal sit, liema sit jappartjeni esklussivament lill-Universita’ ta’ Malta, w dan bi ksur ta’ l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu w b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar ghal kollox is-sentenza appellata w minflok tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Soler, ghall-Universita' ta' Malta, ddikjara li fis-6 ta' Gunju, 2009, l-appellant kien tah cavetta tal-katnazz u ghalhekk l-Universita' tinsab re-integrata fl-access li kellha minn dik il-fetha w m'ghandhiex aktar interess fil-kawza.

Rat illi l-appellant, in vista tad-deposizzjonijiet moghtija fis-seduta tal-lum, irtira l-appell tieghu fil-mertu w zammu ferm biss ghal dak li jirrigwarda l-provvediment taht l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat

Illi kif irrizulta mid-deposizzjonijiet moghtija fl-udjenza tal-lum, fis-6 ta' Gunju, 2009 kien l-appellant stess li kkonsenja cavetta tal-katnazz illi kien ghamel hu stess fit-22 ta' Mejju, 2009 u b'dan il-mod allura gie rreintegra lill-Universita' fi dritt ta' access mill-kancell in kwistjoni.

In vista ta' dan il-fatt, jidher illi ghalkemm il-htija riskontrata mill-Ewwel Qorti tissussisti, hemm lok ghal temperament fil-provvediment illi gie erogat mil-Ewwel Qorti fis-sens infraskritt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn illiberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur, u minflok tilliberah inkondizzjonatament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------